MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 830/2011

**Go plc – C22334**

**vs**

**Alessandra MacKay – ID 165574M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kundannata thallasha s-somma ta' seba' mija tlieta u hamsin Ewro u seba' centezmi (€753.07c) in konnessjoni ma servizz moghti mis-Socjeta' lill-konvenuta – servizz nru A/C 40096484, skond Dok A esebit mal-AVVIZ.

**Ra** li l-konvenuta ressqet RISPOSTA fis-sens li l-ammont indikat mhux dovut u, barra dan, il-kawza hija intempestiva billi hi qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut indikat.

II PROVI

**Ra** li fl-udjenza tas-27 ta’ Settembru 2012 gie verbalizzat li dehret Dr. Josette Sultana ghall-konvenuta li nfurmat lit-TRIBUNAL li Alessandra MacKay kienet qed thallas pagament rateali kif miftiehem mas-Socjeta’ attrici u b’NOTA prezentata dak il-jum stess is-Socjeta’ attrici rriduciet it-talba ghal tlett mija, tlieta u hamsin Ewro u seba’ centezmi €353.07c stante pagament fil-mori tal-kawza. Fl-udjenza tal-20 ta’ Marzu 2013 il-PL Noel Scerri qal li l-ammont dovut kien ta’ tlett mija u tlett Ewro u seba centezmi (€303.07c). Dan ikkonfermah bil-gurament.

III KONSIDERAZZJONIJIET

Minn dak kollu migjub hawn fuq u fin-nuqqas ta’ provi differenti minn naha ta’ Alessandra MacKay, it-TRIBUNAL ma jistax hlief jiddeciedi li din ghad ghandha tati lis-Socjeta attrici l-*quantum* ridott, stante hlas *pendente lite,* ta’ tlett mija u tlett Ewro u seba centezmi (€303.07c). Billi r-riduzzjoni saret kif inghad dan jitqies meta nigu ghall-*capo spese*.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenuta (2) **jaccetta** t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici il-*quantum* ta’ tlett mija u tlett Ewro u seba centezmi (€303.07c) u dana bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (3) l-istess konvenuta qed tigi **kundannata** thallas l-ispejjes kollha ta’ dina l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------